MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2015

Avviz Numru. 200/2014

**Bank of Valletta p.l.c**

**Vs**

**Rosita Mamo**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tas-socjeta' Bank of Valletta fejn esponiet:

Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-13 ta' Marzu, 2002 fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. vs Rosita Cutajar" (Avviz numru 22/2002) (Dok "A") is-socjeta' esponenti giet kanonizzata kreditrici ta' Rosita Cutajar fis-somma ta' erbat elef, mitejn u tnax-il Liri Maltin (Lm4,212.00) ekwivalenti ghal disat elef, tmien mija u hdax-il Euro u tnejn u tletin centemzu

(€9,811.32), flimkien mal-ispejjez u mal-imghaxijiet ulterjuri mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala sal-jum tal-pagament effettiv oltre spejjez legali ohra.

Illi ghaddew aktar minn hames (5) snin minn meta s-sentenza fuq imsemmija setghet tigi ezegwita u d-debitu tal-intimata ghadu ma thallax u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Illi d-debitu tal-intimata llum jammonta ghal hdax-il elf, mitejn u wiehed u tletin Euro u tletin centezmu (€11,231.30), kwantu ghas-somma ta' sebat elef, hames mija u tnejn u sittin Euro u hdax-il centezmu (€7,562.11) sorte, kwantu ghal elfejn, erba' mija u sitta u erbghin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€2,446.25) imghax legali sal-31 ta' Mejju, 2014 (Dok "B1 sa B7") u kwantu ghas-somma ta' elf, mitejn u tnejn u ghoxrin Euro u erbgha u disghin centemzu (€1,222.94), spejjez legali skont taxxa hawn annessa u markata Dok "C", oltre spejjez ohra, u flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Gunju, 2014 sal-jum tal-pagament effettiv.

Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti talbet lil din il-Qorti joghgobha tawtorizzha tezegwixxi s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-13 ta' Marzu, 2002 fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. vs Rosita Cutajar" (Avviz numru 22/2002) (Dok "A"), bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-intimata.

Rat li fl-udjenza tas-27 t'April, 2015 l-intimata Rosita Mamo <u>ammettiet</u> it-talba tas-socjeta' Bank of Valletta kif dedotta fir-rikors promotur.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta Bank of Valletta p.l.c. u tawtorizzaha tezegwixxi s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-13 ta' Marzu, 2002 fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. vs Rosita Cutajar" (Avviz numru 22/2002), bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------